



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2019
(OR. fr)

8894/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0090 (NLE)

PECHE 218

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019-2024)

PROTOKOLL
DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI
TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TAL-GUINEA-BISSAU
(2019-2024)

ARTIKOLU 1

Perijodu ta' applikazzjoni u opportunitajiet tas-sajd

L-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea ("bastimenti tal-Unjoni") skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau¹ ("il-Ftehim") huma stabbilit f'dan l-Artikolu:

1. Matul l-ewwel u t-tieni sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jingħataw f'termini tal-isforz tas-sajd (f'tunnellaġġ gross reġistrat (TGR)) skont il-proċeduri li ġejjin:

- (a) għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ (il-krustaċji, iċ-ċefalopodi u l-ħut) u għall-ħut pelagiġiku ż-żgħir:
 - (i) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli mgħammra bi friża: 3 700 TGR fis-sena;
 - (ii) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut bil-pinen u għaċ-ċefalopodi mgħammra bi friża: 3 500 TGR fis-sena;
 - (iii) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelagiġiku ż-żgħir: 15 000 TGR fis-sena;

¹ ĠU UE L 342, 27.12.2007, p. 5.

(b) għall-ispeċijiet ta' ħut li jpassi ħafna (l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness I għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar), ħlief għall-familja tal-*Alopiidae* u għall-familja tal-*Sphyrnidae*, kif ukoll għall-ispeċijiet li ġejjin: *Cetorhinus maximus*, *Rhincodon typus*, *Carcharodon carcharias*, *Carcharinus falciformis* u *Carcharinus longimanus*:

(i) fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz: 28 bastiment;

(ii) fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba: 13-il bastiment.

2. Mit-tielet sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jingħataw f'termini tal-limiti tal-qbid għal kull speċi (f'qabdiet totali permissibbli (TACs)) skont il-proċeduri li ġejjin:

(a) għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ (il-krustaċċi, iċ-ċefalopodi u l-ħut) u għall-ħut pelaġiku ż-żgħir:

(i) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli mgħammra bi friża: 2 500 tonnellata fis-sena;

(ii) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut bil-pinen mgħammra bi friża: 11 000 tonnellata fis-sena;

(iii) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għaċ-ċefalopodi mgħammra bi friża: 1 500 tonnellata fis-sena;

(iv) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelaġiku ż-żgħir: 18 000 tonnellata fis-sena;

(b) għall-ispeċijiet ta' ħut li jpassi ħafna (l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness I għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar), ħlief għall-familja tal-*Alopiidae* u għall-familja tal-*Sphyrnidae*, kif ukoll għall-ispeċijiet li ġejjin: *Cetorhinus maximus*, *Rhincodon typus*, *Carcharodon carcharias*, *Carcharinus falciformis* u *Carcharinus longimanus*:

(i) fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mġammra bi friża u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz: 28 bastiment;

(ii) fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba: 13-il bastiment.

3. Il-bidla minn sistema ta' ġestjoni bbażata fuq l-isforz (f'TGR) għal sistema bbażata fuq il-limiti tal-qbid (f'TACs) għandha ssir flimkien mal-implimentazzjoni tas-sistema ta' dikjarazzjoni elettronika tal-qabdiet (sistema elettronika ta' rappurtar (l-ERS)) u tal-ipproċessar tad-*data* dwar il-qabdiet mibgħuta b'dan il-mod. Għal dan il-għan, qabel it-tielet sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim ("Kumitat Konġunt") għandu jfassal linji gwida għall-applikazzjoni uniformi ta' din is-sistema għall-flotot industrijali kollha.

4. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw soġġetti għall-Artikoli 8 u 9.

ARTIKOLU 2

Durata

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw għal perijodu ta' ħames snin li jibda mill-ewwel jum tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu skont l-Artikolu 16, sakemm il-Protokoll ma jiġix itterminat kif previst fl-Artikolu 15.

ARTIKOLU 3

Prinċipji

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau ("Guinea-Bissau") abbażi tal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni. Il-Guinea-Bissau għandha tintrabat li ma tagħtix kundizzjonijiet tekniċi iktar favorevoli minn dawk previsti f'dan il-Protokoll lil flotot barranin oħrajn li jistadu fiż-żona tas-sajd tagħha li jkollhom l-istess karatteristiċi u li jistadu għall-istess speċijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jiżguraw li dan il-Protokoll jiġi implimentat skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, kif emendat l-aħħar¹ ("il-Ftehim ta' Cotonou") dwar l-elementi essenzjali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem, mal-prinċipji demokratiċi u mal-istat tad-dritt, u dwar l-element fundamentali marbut mal-amministrazzjoni t-tajba, mal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġestjoni ambjentali sostenibbli u b'saħħitha.

3. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jipubblikaw l-informazzjoni dwar kull ftehim li jippermetti lill-bastimenti barranin jidħlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u dwar l-isforz tas-sajd marbut miegħu, b'mod partikolari l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet li jkunu nħarġu u l-qabdiet li jkunu saru, u li jaqsmu din l-informazzjoni bejniethom.

4. Skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim, il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa fil-kuntest ta' dan il-Protokoll skont il-proċeduri deskritti fl-Anness tiegħu.

ARTIKOLU 4

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Għall-perijodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim għandha tkun ta' EUR 15 600 000 fis-sena.

¹ ĠU KE L 317, 15.12.2000, p. 3.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tinkludi:
 - (a) ammont annwali għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau ta' EUR 11 600 000; u
 - (b) ammont speċifiku ta' EUR 4 000 000 fis-sena għall-appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd tal-Guinea-Bissau.
3. Huwa stmat li l-ammont li jikkorrispondi għall-imposti li s-sidien tal-bastimenti jridu jħallsu għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġin skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim u skont il-proċeduri previsti fil-Kapitolu II ta' dan il-Protokoll huwa ta' madwar EUR 4 000 000.
4. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika soġġett għall-Artikoli 8, 9, 14, 15 u 16.
5. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 għandu jsir mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll fl-ewwel sena u mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tal-anniversarju tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll fis-snin ta' wara.
6. L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom il-kompetenza esklużiva jiddeċiedu kif se tintuża l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

7. Il-ħlasijiet previsti f'dan l-Artikolu għandhom isiru f'kont wieħed tat-Teżor Pubbliku miftuħ mal-Bank Ċentrali tal-Guinea-Bissau li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu nnotifikati kull sena mill-Ministeru għas-Sajd. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2, maħsuba għall-appoġġ settorjali, għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Guinea-Bissau f'kont tat-Teżor Pubbliku. Kull sena, l-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea bin-numri tal-kontijiet rilevanti.

ARTIKOLU 5

Appoġġ settorjali

1. L-appoġġ settorjali mogħti fil-kuntest ta' dan il-Protokoll għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għas-sajd u għall-ekonomija l-blu. L-għan tiegħu hu li jkun hemm ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u li jiġi żviluppat is-settur, l-iktar permezz tal-affarijiet li ġejjin:

- it-tiġid tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd (fosthom permezz tal-istallazzjoni tal-ERS u tat-tħaddim tagħha);
- it-tiġid tal-ġbir u tal-ipproċessar tad-*data* għall-finijiet xjentifiċi u tal-kapaċità ta' analiżi u ta' evalwazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u tal-attivitajiet tas-sajd;

- it-tiżiż tal-kapaċitajiet tal-partijiet involuti fis-settur tas-sajd;
 - l-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira;
 - it-tiżiż tal-kooperazzjoni internazzjonali;
 - it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-esportazzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-promozzjoni tal-investiment fis-settur;
 - l-iżvilupp tal-infrastruttura rilevanti għas-sajd;
 - l-appoġġ għall-ekonomija l-blu u l-iżvilupp tal-akkwakultura.
2. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll jew wara l-applikazzjoni provviżorja tiegħu, jekk ikun il-każ, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta programm settorjali pluriennali u r-regoli għall-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari dan li ġej:
- (a) il-linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2);

- (b) il-miri annwali u pluriennali li għandhom jintlaħqu sabiex jiġi promoss is-sajd sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet li l-Guinea-Bissau esprimiet fil-politika nazzjonali tas-sajd tagħha u f'politiki rilevanti oħrajn, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira u mas-sorveljanza, mal-kontroll u mal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), kif ukoll il-prijoritajiet b'rabta mat-tiżni tal-kapaċitajiet xjentifiċi tal-Guinea-Bissau fis-settur tas-sajd;
- (c) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jiġu evalwati r-riżultati miksubin fuq bażi annwali, fosthom, jekk ikun il-każ, l-indikaturi baġitarji u finanzjarji.

3. Kull emenda tal-programm settorjali pluriennali li tiġi proposta trid tiġi approvata mill-Partijiet fil-Kumitat Konġunt.

4. Kull sena, il-Guinea-Bissau għandha tibgħat rapport dwar il-progress li jkun sar fuq il-proġetti implimentati permezz tal-fondi għall-appoġġ settorjali li għandu jeżaminah il-Kumitat Konġunt. Qabel ma jiskadi dan il-Protokoll, il-Guinea-Bissau għandha tibgħat ukoll rapport finali.

5. L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") tista' tirrevedi jew tissospendi, parzjalment jew totalment, il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2) f'każ li ma tiġix eżegwita din il-kontribuzzjoni finanzjarja jew f'każ li evalwazzjoni mwettqa mill-Kumitat Konġunt turi li r-riżultati miksubin ma jkunux konformi mal-ipprogrammar.

6. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jibda mill-ġdid wara konsultazzjoni bejn iż-żewġ Partijiet u ftehim bejniethom, malli r-risultati tal-implimentazzjoni jkunu jiġġustifikaw dan. Madankollu, il-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja ma jistax isir wara perijodu ta' sitt xhur minn meta jiskadi dan il-Protokoll.
7. Il-Partijiet għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-appoġġ settorjali.

ARTIKOLU 6

Kooperazzjoni xjentifika għal sajd responsabbli

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli u li jiġġieldu kontra s-sajd IUU fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, abbażi tal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li jistadu f'dawn l-ilmijiet u abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar.
2. Fil-perijodu kopert minn dan il-Protokoll, l-Unjoni u l-Guinea-Bissau għandhom jikkooperaw bejniethom biex jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tal-istat tar-riżorsi u tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

3. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu l-ħarsien tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) u tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (is-CECAF), kif ukoll il-kooperazzjoni fil-livell sottoreġjonali b'rabta mal-ġestjoni responsabbli tas-sajd, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Kummissjoni Sottoreġjonali tas-Sajd (is-SRFC).

4. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jadottaw, jekk ikun hemm bżonn u bi ftehim reċiproku bejniethom, miżuri ġodda favur il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

ARTIKOLU 7

Kumitat Xjentifiku Konġunt

1. Il-Kumitat Xjentifiku Konġunt imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Ftehim ("Kumitat Xjentifiku Konġunt") għandu jkun magħmul minn xjenzati li kull waħda mill-Partijiet taħtar f'numri ndaq. B'deċizzjoni tal-Partijiet, fil-Kumitat Xjentifiku Konġunt jistgħu jitħallew jieħdu sehem osservaturi, b'mod partikolari rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd bħas-CECAF.

2. Il-Kumitat Xjentifiku Konġunt għandu jiltaqa' tal-inqas darba fis-sena, skont l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim. Fil-prinċipju, il-laqgħat għandhom isiru darba fil-Guinea-Bissau u darba fl-Unjoni. Fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet, jistgħu jiġu organizzati wkoll laqgħat oħrajn. Il-laqgħat għandhom jippreseduhom darba waħda mill-Partijiet u darba l-Parti l-oħra.

3. Xogħol il-Kumitat Xjentifiku Konġunt għandu x'jaqsam b'mod partikolari mal-attivitajiet li ġejjin:

- (a) mal-ġbir tad-*data* dwar l-isforzi tas-sajd u dwar il-qabdiet tal-flotot nazzjonali u ta' daww barranin li jkunu qed jaħdmu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u li jkunu qed jistadu għall-ispeċijiet koperti minn dan il-Protokoll;
- (b) mat-tfassil ta' proposti, mal-monitoraġġ u mal-analiżi tal-istħarriġ annwali li jikkontribwixxi għall-proċess tal-evalwazzjoni tal-istokkijiet u li jippermetti li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd u l-għażliet tal-użu li jiżguraw il-konservazzjoni tar-riżorsi u tal-ekosistema tagħhom;
- (c) mat-tfassil ta' rapport xjentifiku annwali abbażi ta' dan dwar is-sajd li għalih japplika dan il-Protokoll;
- (d) mat-tfassil ta' pariri xjentifiċi marbutin mal-miżuri ta' ġestjoni li se jitqiesu li huma meħtieġa għall-użu sostenibbli tal-istokkijiet u tas-sajd li għalihom japplika dan il-Ftehim, fuq inizzjattiva tiegħu stess jew bi tweġiba għal talba tal-Kumitat Konġunt jew ta' xi waħda mill-Partijiet.

4. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u tar-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT u fid-dawl tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, bħal dak tas-CECAF, u tal-konklużjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt, jekk ikun il-każ, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta miżuri favur il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd koperti minn dan il-Protokoll li jolqtu l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni.

ARTIKOLU 8

Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u tal-miżuri tekniċi

1. F'każ li l-Guinea-Bissau tiddeċiedi, abbażi ta' parir tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt, li tagħlaq ċertu żoni għal ċertu tip ta' sajd jew li tistabbilixxi staġuni magħluqa għalih bħala parti minn miżura ta' konservazzjoni tar-riżorsi, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' biex janalizza r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, biex jevalwa l-impatt ta' dan l-għeluq fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fil-kuntest tal-Ftehim u biex jiddeċiedi dwar il-miżuri korrettivi li jistgħu jittieħdu.
2. Fil-każijiet previsti fil-paragrafu 1, il-Kumitat Konġunt għandu jaqbel fuq tnaqqis proporzjonat tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Ftehim li l-Unjoni trid tħallas u, jekk ikun hemm bżonn, fuq il-kumpens li s-sidien tal-bastimenti jridu jingħataw.
3. Kull għeluq li l-Guinea-Bissau tiddeċiedi dwaru abbażi ta' parir xjentifiku għandu japplika mingħajr diskriminazzjoni għall-bastimenti kollha involuti f'dak it-tip ta' sajd, inklużi l-bastimenti nazzjonali u dawk li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz.
4. Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 1 bi ftehim reċiproku abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt. F'każ bħal dan, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonat u *pro rata temporis* u dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jiġu emendati kif xieraq.

5. Jekk ikun hemm bżonn, il-Kumitat Konġunt jista' jeżamina u jadatta, bi ftehim reċiproku, id-dispożizzjonijiet marbutin mal-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd u r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u tal-Annessi tiegħu, fosthom l-arranġamenti dwar il-monitoraġġ tal-appoġġ settorjali.

ARTIKOLU 9

Sajd sperimentali u opportunitajiet ġodda tas-sajd

1. F'każ li l-bastimenti tal-Unjoni jkunu interessati jwettqu attivitajiet tas-sajd li mhumiex previsti fl-Artikolu 1 sabiex tiġi ttestjata l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika ta' tipi ġodda ta' sajd, jistgħu jingħataw liċenzji biex dawn l-attivitajiet jitwettqu fuq bażi esploratorja skont il-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau li tkun fis-seħħ. Meta jkun possibbli, it-tali sajd esploratorju għandu jsir bl-użu tal-għarfien espert xjentifiku u tekniku lokali disponibbli. Il-vjaġġi tas-sajd sperimentali jsiru bil-għan li jiġu ttestjati l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika ta' tipi ġodda ta' sajd.

2. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħarraf lill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau bit-talbiet għal-liċenzji tas-sajd sperimentali abbażi ta' fajl tekniku li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-ispeċijiet fil-mira;
- (b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-bastiment;

- (c) l-esperjenza tal-uffiċjali tal-bastiment b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati;
 - (d) il-parametri tekniċi proposti għall-vjaġġ (id-durata, l-irkaptu tas-sajd, ir-regġuni li se jiġu esplorati, eċċ.);
 - (e) it-tip ta' *data* miġbura biex ikun żgurat monitoraġġ xjentifiku tal-impatt ta' dawn l-attivitajiet tas-sajd fuq ir-riżorsi u fuq l-ekosistemi.
3. Il-liċenzji għas-sajd sperimentali għandhom jingħataw għal perijodu massimu ta' sitt xhur. Biex jingħataw, għandha titħallas imposta stabbilita mill-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau.
 4. Matul il-vjaġġ kollu, għandu jkun hemm osservatur xjentifiku mill-Istat tal-bandiera u osservatur magħżul mill-Guinea-Bissau abbord.
 5. L-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau għandhom jistabbilixxu l-qabdiet awtorizzati fil-kuntest tal-vjaġġ tas-sajd sperimentali. Il-qabdiet li jsiru fil-kuntest tal-vjaġġ tas-sajd sperimentali u matulu jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-bastiment. Il-ħut ta' daqs li ma jkunx skont il-liġi jew il-ħut li ma jkunx jista' jiġi mistad skont il-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau li tkun fis-seħħ ma jstax jinżamm abbord jew jiġi kkummerċjalizzat.
 6. Ir-riżultati ddettaljati tal-vjaġġ għandhom jintbagħtu lill-Kumitat Konġunt u lill-Kumitat Xjentifiku Konġunt biex dawn janalizzawhom.

7. F'każ li l-bastimenti tal-Unjoni jkunu interessati jwettqu attivitajiet tas-sajd li mhumiex imniżżlin fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lill-Kumitat Xjentifiku Konġunt. Il-Partijiet għandhom jiftiehem bejniethom dwar il-kundizzjonijiet li japplikaw għal dawk l-opportunitajiet il-ġodda tas-sajd u għandhom jemendaw dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu kif xieraq sa ma jiskadi dan il-Protokoll. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) ta' dan il-Protokoll għandha tiżdied kif xieraq. L-imposti u l-kundizzjonijiet l-oħrajn previsti fl-Anness li japplikaw għas-sidien tal-bastimenti għandhom jiġu emendati kif xieraq.

ARTIKOLU 10

Integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-Unjoni fis-settur tas-sajd tal-Guinea-Bissau

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-Unjoni fis-settur kollu tas-sajd tal-Guinea-Bissau, b'mod partikolari billi jistabbilixxu impriżi konġunti u billi joħolqu l-infrastruttura rilevanti.
2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex joħolqu għarfien fost l-operaturi tal-Unjoni tas-settur privat dwar l-opportunitajiet kummerċjali u industrijali li jeżistu fis-settur kollu tas-sajd tal-Guinea-Bissau, b'mod partikolari b'rabta mal-investimenti diretti.
3. Għal dan il-għan, il-Guinea-Bissau tista' tagħti wkoll inċentivi lill-operaturi tal-Unjoni li jwettqu t-tali investimenti.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex jidentifikaw l-opportunitajiet tal-investiment u l-istrumenti ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet jew tal-proġetti identifikati.
5. Kull sena, il-Kumitat Konġunt għandu jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 11

Skambju tal-informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jagħtu preferenza lis-sistemi elettroniċi għall-iskambju tal-informazzjoni u tad-dokumenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-Protokoll.
2. Il-verżjoni elettronika tad-dokumenti previsti f'dan il-Protokoll għandha titqies li hija ekwivalenti għalkollox għall-verżjoni stampata tagħhom.
3. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin b'kull ħsara fis-sistema kompjuterizzata. F'dan il-każ, l-informazzjoni u d-dokumenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jiġu sostitwiti b'mod awtomatiku bil-verżjoni stampata tagħhom skont il-proċeduri speċifikati fl-Anness għal dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 12

Kunfidenzjalità tad-data

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jittrattaw f'kull ħin id-*data* personali kollha marbuta mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba fil-kuntest tal-Ftehim strettament skont il-prinċipji tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-*data*.
2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-*data* aggregata marbuta mal-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau biss tiġi ppubblikata, skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ICCAT u ta' organizzazzjonijiet reġjonali u sottoreġjonali oħrajn tas-sajd.
3. Id-*data* li tista' titqies bħala kunfidenzjali għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti biss għall-implimentazzjoni tal-Ftehim u għall-finijiet tal-ġestjoni, tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza tas-sajd.
4. F'dak li għandu x'jaqsam mad-*data* personali li tibgħat l-Unjoni, il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi s-salvagwardji x-xierqa u r-rimedji legali skont ir-Regolament UE 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, GDPR).

¹ Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

ARTIKOLU 13

Leġislazzjoni applikabbli

Il-liġijiet applikabbli tal-Guinea-Bissau għandhom jirregolaw l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni li jkunu qed jistadu fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau, dment li l-Ftehim, dan il-Protokoll, jew l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu ma jipprevedux mod ieħor.

Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub b'kull bidla fil-politika tagħhom tas-sajd u fil-leġislazzjoni tagħhom f'dan il-qasam. Dan it-tibdil legiattiv jew regolatorju li jkollu impatt tekniku fuq l-attivitajiet tas-sajd għandu jibda japplika għall-bastimenti tal-Unjoni fi tmiem perijodu ta' tliet xhur minn meta ssir in-notifika uffċjali dwaru.

ARTIKOLU 14

Sospensjoni tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, fosthom il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(2), tista' tiġi sospiża wara konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt, jekk tintlaħaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew iktar:

- (a) jekk ikun hemm ċirkustanzi mhux tas-soltu, minbarra fenomeni naturali, li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau;

- (b) jekk ikun hemm tibdil sinifikanti fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika tas-sajd ta' waħda miż-żewġ Partijiet li jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll;
- (c) jekk jinbdew il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni previsti fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou b'rabta ma' ksur tal-elementi essenzjali u fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem kif iddefiniti fl-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim;
- (d) jekk l-Unjoni tonqos milli tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) għal raġunijiet oħrajn minbarra dawk previsti fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;
- (e) jekk ikun hemm tilwima serja mhux solvuta bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim jew ta' dan il-Protokoll.

2. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jibda mill-ġdid wara konsultazzjoni bejn iż-żewġ Partijiet u ftehim bejniethom malli s-sitwazzjoni terġa' lura għal li kienet qabel ma seħħew l-avvenimenti msemmijin fil-paragrafu 1. Madankollu, il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2) ma għandux isir wara perijodu ta' sitt xhur minn meta jiskadi dan il-Protokoll.

3. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jiġu sospiżi meta jiġi sospiż il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2). F'każ li titneħħa din is-sospensjoni, il-perijodu ta' validità ta' dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandu jittawwal b'perijodu li jkun daqs dak tas-sospensjoni tal-attivitajiet tas-sajd. Matul il-perijodu ta' sospensjoni għandhom jieqfu l-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

4. Biex l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll tiġi sospiża, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub li hija jkun beħsiebha tagħmel dan mill-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha tkun se tidħol fis-seħħ din is-sospensjoni, ħlief fil-każ previst fil-punt (c) tal-paragrafu 1, li għandu jwassal għal sospensjoni immedjata. Fil-frattemp, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt.

5. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu għaddejjin bil-konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwim ta' bejniethom. Meta tinstab it-tali soluzzjoni, dan il-Protokoll għandu jerġa' jibda jiġi implimentat u l-ammont tal-kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas b' mod proporzjonat u *pro rata temporis* skont it-tul ta' żmien li matulu kienet sospiża l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 15

Terminazzjoni

1. F'każ ta' terminazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija jkun beħsiebha tittermina dan il-Protokoll mill-inqas sitt xhur qabel id-data li fiha tkun se tidħol fis-seħħ din it-terminazzjoni.

2. L-għoti tan-notifika kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tagħti bidu għall-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 16

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.

ARTIKOLU 17

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

IL-KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD
TAL-BASTIMENTI TAL-UNJONI FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-GUINEA-BISSAU

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Ħatra tal-awtorità kompetenti

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, kull referenza għall-awtorità kompetenti tal-Unjoni jew tal-Guinea-Bissau għandha tfisser:

- għall-Unjoni: il-Kummissjoni Ewropea, jekk ikun hemm bżonn permezz tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-Guinea-Bissau;
- għall-Guinea-Bissau: id-dipartiment tal-gvern responsabbli għas-sajd.

2. Żona tas-sajd awtorizzata

Iż-żona tas-sajd awtorizzata li fiha l-bastimenti tal-Unjoni huma awtorizzati jistadu għandha tikkorrispondi għaż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, fosthom dik il-parti li tikkorrispondi għaż-żona komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, skont il-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau u skont il-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli li l-Guinea-Bissau hija Parti tagħhom.

Il-linji bażi huma ddefiniti mil-leġislazzjoni nazzjonali.

3. Ħatra ta' aġent lokali

Minbarra l-bastimenti tas-sajd għat-tonn, il-bastimenti kollha tal-Unjoni li jkunu jixtiequ jiksbu awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll iridu jkunu rrappreżentati minn aġent li jkun residenti fil-Guinea-Bissau.

4. Kont bankarju

Qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll, il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika lill-Unjoni d-dettalji tal-kont jew tal-kontijiet bankarji li fihom għandhom jitħallsu l-ammonti finanzjarji li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom iħallsu skont il-Ftehim. L-ammonti li jridu jitħallsu b'rabta mat-trasferimenti bankarji għandhom iħallsuhom is-sidien tal-bastimenti.

5. Punti ta' kuntatt

Il-Partijiet għandhom jgħarrfu lil xulxin bil-punti ta' kuntatt rispettivi tagħhom li jippermettu li tiġi skambjata l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet marbutin mal-iskambju tad-*data* aggregata dwar il-qabdiet u dwar l-isforz tas-sajd, dwar il-proċeduri marbutin mal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

KAPITOLU II

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

TAQSIMA 1

PROCĊEDURI APPLIKABBLI

1. Prerekwiżit biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd — il-bastimenti eliġibbli

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Ftehim għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li l-bastiment ikun imniżżel fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u li dan ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Iridu jkunu ntlaħqu l-obbligi preċedenti kollha marbutin ma' sid il-bastiment, mal-kaptan jew mal-bastiment innifsu li jkunu ġejjin mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Guinea-Bissau skont il-Ftehim.

2. Talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd

L-Unjoni għandha tibgħat lill-Guinea-Bissau talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd għal kull bastiment li jkun jixtieq jistad skont il-Ftehim, mill-inqas 40 jum qabel jibda l-perijodu ta' validità mitlub, billi tuża l-formola mogħtija fl-Appendiċi għall-Anness ta' dan il-Protokoll.

¹ Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

Għal kull talba inizjali għal awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll jew wara li l-bastiment ikkonċernat issirli bidla teknika, flimkien mat-talba jridu jintbagħtu l-affarijiet li ġejjin:

- (a) il-prova li tħallset l-imposta b'rata fissa għall-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd mitluba;
- (b) l-isem u l-indirizz tal-aġent lokali tal-bastiment, jekk ikun hemm wieħed;
- (c) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, il-prova tal-ħlas bil-quddiem tal-kontribuzzjoni b'rata fissa għall-ispejjeż marbutin mal-osservatur;
- (d) fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, iċ-ċertifikat tat-tunnellaġġ tal-bastiment maħruġ mill-Istat tal-bandiera.

Għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan il-Protokoll għal bastiment li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu ma jkunux inbidlu, it-talba għat-tiġdid għandu jkollha magħha biss il-prova li tħallset l-imposta u, jekk ikun il-każ, il-prova li tħallset il-kontribuzzjoni b'rata fissa għall-ispejjeż marbutin mal-osservatur.

3. Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

Il-Guinea-Bissau għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni oriġinali tas-sajd f'perijodu massimu ta' 25 jum minn meta tirċievi l-fajl komplut tat-talba u mill-inqas 15-il jum qabel jibda l-perijodu tas-sajd. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinbagħat lis-sidien tal-bastimenti:

- fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, permezz tal-aġenti, u għandha tintbagħat kopja tagħha wkoll lill-Unjoni; u
- fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn, permezz tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-Guinea-Bissau.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-bastimenti tas-sajd għat-tonn, kopja ta' din l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tintbagħat mill-ewwel lill-awtorità kompetenti ta' sid il-bastiment b'mod elettroniku u wkoll lir-rappreżentant lokali tiegħu, jekk ikun il-każ, u kopja tagħha għandha tintbagħat ukoll lill-Unjoni. Dik il-kopja ma għandhiex tibqa' valida malli tasal l-awtorizzazzjoni oriġinali tas-sajd. Dik il-kopja, li għandha tinżamm abbord il-bastimenti tas-sajd għat-tonn, għandha tkun valida għal perijodu ta' 40 jum li matulu titqies li hija ekwivalenti għall-awtorizzazzjoni oriġinali.

F'każ li awtorizzazzjoni tas-sajd tiġġedded matul il-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida jrid ikun fiha referenza ċara għall-awtorizzazzjoni tas-sajd oriġinali.

L-Unjoni għandha tibgħat l-awtorizzazzjoni tas-sajd lil sid il-bastiment jew lill-aġent. Jekk l-uffiċċji tal-Unjoni jkunu magħluqin, il-Guinea-Bissau tista' tibgħat l-awtorizzazzjoni tas-sajd direttament lil sid il-bastiment jew lill-aġent tiegħu u tibgħat kopja lill-Unjoni.

4. Lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu

Malli toħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Guinea-Bissau għandha tistabbilixxi mingħajr dewmien, għal kull kategorija ta' bastimenti, il-lista finali tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd tagħha. Din il-lista għandha tintbagħat minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni b'mod elettroniku.

5. Perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu għal perijodu ta' tliet xhur, ta' sitt xhur jew ta' sena.

Sabiex jiġi stabbilit meta jibda l-perijodu ta' validità, "perijodu ta' sena" għandha tfisser:

- (a) matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-perijodu bejn id-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena;
- (b) fis-snin ta' wara, kull sena kalendarja sħiħa;
- (c) fl-aħħar sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u id-data meta jiskadi dan il-Protokoll.

Perijodu ta' validità ta' tliet xhur jew ta' sitt xhur għandu jibda fl-1 tax-xahar ta' kull xahar. Madankollu, l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ma jistgħux jibqgħu validi wara l-31 ta' Diċembru tas-sena li fihom jinħarġu.

6. Żamma abbord tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjoni tas-sajd trid tinżamm dejjem abbord il-bastiment.

Madankollu, il-bastimenti tas-sajd għat-tonn u l-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ jistgħu jibdeu jistadu malli jiddaħħlu fil-lista provviżorja. Abbord it-tali bastimenti trid tinżamm dejjem il-lista provviżorja sa ma tinħarġilhom l-awtorizzazzjoni tas-sajd tagħhom.

7. Trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ għal bastiment speċifiku u ma tistax tiġi ttrasferita.

Madankollu, f'każ ta' forza maġġuri u fuq talba tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinbidel b'awtorizzazzjoni ġdida maħruġa f'isem bastiment ieħor li jkun simili għal dak li għandu jinbidel.

It-trasferiment għandu jsir billi sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu jagħti lura lill-Guinea-Bissau l-awtorizzazzjoni tas-sajd li għandha tinbidel u billi l-Guinea-Bissau tistabbilixxi mingħajr dewmien l-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni għandha tingħata minnufih lil sid il-bastiment jew lill-aġent tiegħu meta tingħata lura l-awtorizzazzjoni li għandha tinbidel, ladarba ssir l-ispezzjoni teknika skont il-punt 9 ta' dan il-Kapitolu. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni tibda tgħodd dakinhar li tingħata lura l-awtorizzazzjoni li għandha tinbidel.

Fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, jekk it-tunnellaġġ tal-bastiment ta' sostituzzjoni jkun ikbar minn dak tal-bastiment li għandu jinbidel, l-imposta addizzjonali għandha tiġi kkalkulata b'mod proporzjonat skont id-differenza fit-tunnellaġġ u l-perijodu ta' validità li jkun għad fadal. Sid il-bastiment għandu jħallas dik l-imposta addizzjonali meta tiġi ttrasferita l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

Il-Guinea-Bissau għandha taġġorna mingħajr dewmien il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu. Il-lista l-ġdida għandha tintbagħat minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni.

8. Bastimenti ta' appoġġ

Fuq talba tal-Unjoni, il-Guinea-Bissau għandha tawtorizza lill-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd jiġu meġġuna minn bastimenti ta' appoġġ. Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni jew ikunu ta' kumpanija tal-Unjoni, u ma jistgħux ikunu mgħammra għas-sajd.

Il-Guinea-Bissau għandha tistabbilixxi l-lista tal-bastimenti ta' appoġġ awtorizzati u tibgħatha mingħajr dewmien lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd u lill-Unjoni.

Il-bastimenti ta' appoġġ irid ikollhom awtorizzazzjoni għal dan maħruġa skont il-liġijiet tal-Guinea-Bissau u għandhom iħallsu imposta annwali għal dan.

9. Spezzjoni teknika tal-bastimenti tat-tkarkir

Darba fis-sena jew wara li jinbidel it-tunnellaġġ tal-bastiment, jew meta l-użu ta' rkaptu ieħor tas-sajd iwassal għal bidla fil-kategorija tas-sajd, kull bastiment tat-tkarkir tal-Unjoni għandu jidħol fil-port ta' Bissau biex issirlu spezzjoni teknika skont il-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau li hija fis-seħħ.

L-għan tal-ispezzjoni teknika huwa li tivverifika l-konformità tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-bastiment u tal-irkaptu tas-sajd li jkun hemm abbord, kif ukoll il-ħarsien tar-regoli sanitarji u tar-regoli marbutin mal-imbark tal-baħrin nazzjonali.

Il-Guinea-Bissau hija obligata twettaq l-ispezzjoni teknika f'perijodu massimu ta' 48 siegħa minn meta l-bastiment tat-tkarkir jasal fil-port dejjem jekk tkun ġiet avżata minn qabel dwar il-wasla tiegħu.

Wara l-ispezzjoni teknika, il-Guinea-Bissau għandha tagħti ċertifikat tal-konformità lill-kaptan tal-bastiment minnufih.

Iċ-ċertifikat tal-konformità jkun validu għal sena. Madankollu, f'każ ta' bidla fl-attivitajiet tas-sajd mill-kategorija tas-sajd tal-gambli jew lejn din il-kategorija, ikun hemm bżonn ta' ċertifikat ġdid tal-konformità. Barra minn hekk, f'każ li l-bastiment joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau għal perijodu ta' iktar minn 45 jum, ukoll ikun hemm bżonn ta' ċertifikat ġdid tal-konformità.

Iċ-ċertifikat tal-konformità għandu jinżamm dejjem abbord il-bastiment.

L-ispejjeż marbutin mal-ispezzjoni teknika għandu jħallashom sid il-bastiment u għandhom ikunu ta' ammont stabbilit skont l-iskala mogħtija fil-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau. Tali spejjeż ma jistgħux jaqbu l-ammonti li jħallsu l-bastimenti nazzjonali jew il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz għall-istess servizzi.

TAQSIMA 2

IMPOSTI U HLASIJET BIL-QUDDIEM

L-ammont tal-imposta b'rata fissa huwa stabbilit fl-iskedi tekniċi mogħtija fl-Appendiċi ta' dan l-Anness għal kull kategorija tal-bastimenti. Dan jinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha minbarra t-taxxi tal-portijiet u l-ispejjeż għall-provvista tas-servizzi.

Meta l-awtorizzazzjoni tas-sajd tkun valida għal inqas minn sena, l-ammont tal-imposta b'rata fissa għandu jiġi adattat b'mod proporzjonat skont il-perijodu ta' validità mitlub. Jekk ikun hemm bżonn, din l-imposta adattata għandha tiżdied bl-ammont dovut għall-perijodu ta' tliet xhur jew ta' sitt xhur skont l-iskali stabbiliti fl-iskedi tekniċi korrispondenti.

KAPITOLU III

MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI

Il-miżuri tekniċi li japplikaw għall-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd, marbutin maż-żona, mal-irkaptu tas-sajd u mal-livell tal-qabdiel inċidentali, huma ddefiniti fl-iskedi tekniċi mogħtija fl-Appendiċi ta' dan l-Anness għal kull kategorija tas-sajd.

Il-bastimenti tas-sajd għat-tonn u l-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ għandhom iħarsu r-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-ICCAT.

KAPITOLU IV

DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET

1. Ġurnal ta' abbord tas-sajd

Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun qed jistad skont il-Ftehim għandu jżomm ġurnal ta' abbord tas-sajd. F'dak li għandu x'jaqsam mal-bastimenti tas-sajd għat-tonn, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jkun konformi mar-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT applikabbli dwar il-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data* marbuta mal-attivitajiet tas-sajd.

Kuljum, il-kaptan għandu jniżżel fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd il-kwantità ta' kull speċi maqbuda u miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha u mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali. Għal kull speċi ewlenija, il-kaptan għandu jniżżel ukoll meta ma jinqabad xejn minnha.

Jekk ikun il-każ, kuljum, il-kaptan għandu jniżżel ukoll fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd il-kwantitajiet ta' kull speċi mormija lura l-baħar, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali.

Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jimtela b'ittri kbar b'mod li jkun jista' jinqara u għandu jiġi ffirmat mill-kaptan.

Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-preċiżjoni tad-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

2. Dikjarazzjoni tal-qabdiet

2.1. L-ewwel u t-tieni sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll bis-sistema ta' ġestjoni bbażata fuq l-isforz tas-sajd

Il-kaptan għandu jiddikjara l-qabdiet tal-bastiment billi jagħti lill-Guinea-Bissau l-ġurnali ta' abbord tas-sajd tiegħu marbutin mal-perijodu li matulu kien jinsab fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Il-kaptan għandu jibgħat il-ġurnali ta' abbord tas-sajd lill-Guinea-Bissau fl-indirizz tal-posta elettronika li jkun ingħata għal dan il-għan. Il-Guinea-Bissau għandha tikkonferma li tkun irċeviethom billi tibgħat messaġġ ta' ritorn bil-posta elettronika mingħajr dewmien dwar dan.

B' mod alternattiv, il-ġurnali ta' abbord tas-sajd jistgħu jintbagħtu wkoll skont il-proċeduri li ġejjin:

- (a) f'każ li l-bastiment ikun se jgħaddi minn port tal-Guinea-Bissau, kull ġurnal ta' abbord tas-sajd oriġinali għandu jingħata lir-rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali tal-Ministeru tas-Sajd tal-Guinea-Bissau ("Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali"), li għandu jikkonferma bil-miktub li jkun irċevihom;
- (b) f'każ li l-bastiment ikun se joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau mingħajr ma jgħaddi minn port tal-Guinea-Bissau qabel, kull ġurnal ta' abbord tas-sajd oriġinali għandu jintbagħat bil-posta fi żmien 14-il jum mill-wasla fi kwalunkwe port ieħor u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 30 jum minn meta joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Il-kaptan għandu jibgħat kopja tal-ġurnali kollha ta' abbord tas-sajd lill-Unjoni. Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wieċ, il-kaptan għandu jibgħat ukoll kopja tal-ġurnali kollha ta' abbord tas-sajd tiegħu lil wieħed mill-istituti xjentifiċi li ġejjin:

- (a) lill-IRD (Institut de recherche pour le développement — l-Istitut tar-riċerka għall-iżvilupp);
- (b) lill-IEO (Instituto Español de Oceanografía — l-Istitut Spanjol tal-Oċeanografija); jew
- (c) lill-IPMA (Instituto Português do Mar e da Atmosfera — l-Istitut Portugiż għall-kwistjonijiet tal-baħar u tal-meteoroloġija).

Jekk bastiment jerġa' lura fiż-żona tal-Guinea-Bissau matul il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, irid jibgħat dikjarazzjoni ġdida tal-attivitàjiet u tal-qabdiet.

F'każ li ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Guinea-Bissau tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat sakemm issir id-dikjarazzjoni tal-qabdiet li tkun nieqsa u tista' tippenalizza lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet previsti għal dan il-għan fil-leġislazzjoni nazzjonali li tkun fis-seħħ. Jekk ir-reat jiġi ripetut, il-Guinea-Bissau tista' tirrifjuta li ġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kull piena li tiġi applikata f'dan il-kuntest.

2.2. Mit-tielet sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll bis-sistema ta' ġestjoni bbażata fuq il-kwoti

1. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun qed jistad skont il-Ftehim għandu jżomm ġurnal ta' abbord tas-sajd skont ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT applikabbli. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-preċiżjoni tad-*data* rreġistrata fil-ġurnal elettroniku ta' abbord tas-sajd.
2. Kull bastiment tal-Unjoni li jkollu liċenzja maħruġa skont dan il-Protokoll għandu jkun mgħammar b'sistema elettronika ta' rappurtar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ERS") li tkun kapaċi tirreġistra u tibgħat *data* marbuta mal-attivitàjiet tas-sajd tal-bastiment (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*data* tal-ERS").

3. L-informazzjoni dwar il-qabdiet għandha tiġi nnotifikata kif ġej:
 - (a) il-kaptani tal-bastimenti kollha li jkunu qed jistadu fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau fil-kuntest ta' dan il-Protokoll għandhom jimlew il-ġurnal elettroniku ta' abbord tas-sajd kuljum u jibagħtuh permezz tal-ERS (l-Appendiċi 4 għal dan l-Anness) jew bil-posta elettronika, f'każ li din is-sistema jkollha l-ħsara, liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sistema (ĊMS) tal-Istat tal-bandiera u liċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau fi żmien sebat ijiem minn meta joħorġu miż-żona tas-sajd;
 - (b) fil-ġurnal elettroniku ta' abbord tas-sajd trid tiġi speċifikata l-kwantità ta' kull speċi maqbuda u miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha u mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali. Għal kull speċi ewlenija, il-kaptan għandu jniżżel ukoll meta ma jinqabad xejn minnha. Il-kaptan għandu jniżżel ukoll il-kwantitajiet ta' kull speċi mormija lura l-baħar, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali.
4. Il-bastiment għandu jibgħat id-*data* tal-ERS lill-Istat tal-bandiera tiegħu, li għandu jiżgura li din titqiegħed b'mod awtomatiku għad-dispożizzjoni tal-Guinea-Bissau. L-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li din id-*data* tasal u tiġi rreġistrata f'bażi tad-*data* elettronika li tippermetti li din id-*data* tinżamm b'mod sigur għal mill-inqas 36 xahar.
5. L-Istat tal-bandiera u l-Guinea-Bissau għandhom jiżguraw li huma jkollhom it-tagħmir tal-informatika u s-softwer meħtieġa għat-trażmissjoni awtomatika tad-*data* tal-ERS fil-format speċifikat fil-punt 3 tal-Appendiċi 4 għal dan l-Anness.

6. It-trażmissjoni tad-*data* tal-ERS trid issir bl-użu tal-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea għall-iskambji standardizzati tad-*data* dwar is-sajd.
 7. F'każ li ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet dwar id-dikjarazzjoni tal-qabdiet, il-Guinea-Bissau tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat sakemm tinkiseb id-dikjarazzjoni tal-qabdiet li tkun nieqsa u tista' tippenalizza lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet previsti għal dan il-għan fil-leġislazzjoni nazzjonali li tkun fis-seħħ. Jekk ir-reat jiġi ripetut, il-Guinea-Bissau tista' tirrifjuta li ġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kull piena li tiġi applikata f'dan il-kuntest.
 8. L-Istat tal-bandiera u l-Guinea-Bissau għandhom jagħżlu korrispondent tal-ERS kull wieħed li għandu jservi bħala l-punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness. L-Istat tal-bandiera u l-Guinea-Bissau għandhom jinnotifikaw lil xulxin id-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondent tal-ERS rispettiv tagħhom u, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni minnufih.
3. Bidla lejn sistema elettronika

Il-Partijiet għandhom jiftiehem fil-Kumitat Konġunt dwar il-proċeduri għall-bidla lejn l-ERS, li permezz tagħha l-bastimenti tal-Unjoni jkollhom jirreġistraw u jibagħtu d-*data* dwar il-ħidmiet tas-sajd li jkunu wettqu fil-kuntest ta' dan il-Ftehim b'mod elettroniku lill-Guinea-Bissau skont id-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Appendiċi għal dan l-Anness.

Il-bidla trid titlesta sa mhux aktar tard mill-bidu tat-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

4. Kalkolu finali tal-imposti fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

Abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet tiegħu, għal kull bastiment tas-sajd għat-tonn u bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ, l-Unjoni għandha tistabbilixxi kalkolu finali tal-imposti li jridu jitħallsu mill-bastiment għall-istaġun annwali tiegħu għas-sena kalendarja ta' qabel. L-Unjoni għandha tavża lill-Guinea-Bissau u lil sid il-bastiment b'dan il-kalkolu finali sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara dik li matulha jkunu saru l-qabdiet.

Meta l-kalkolu finali jkun ikbar mill-imposta b'rata fissa li tkun tħallset biex inkisbet l-awtorizzazzjoni tas-sajd, sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ pendenti lill-Guinea-Bissau minnufih. Meta l-kalkolu finali jkun inqas mill-imposta b'rata fissa, sid il-bastiment ma jkunx jista' jirkupra l-ammont li jifdal.

KAPITOLU V

ĦATT L-ART U TRAŻBORD

1. Ħatt l-art jew trażbord tal-qabdiet

Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun jixtieq iħott il-ħut l-art fil-port ta' Bissau jew jittrażborda ħut li jkun qabad fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau għandu jinnotifikaw lir-rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali, mill-inqas 24 siegħa qabel il-ħatt l-art jew it-trażbord, l-affarijiet li ġejjin:

- (a) isem il-bastiment tal-Unjoni li għandu jħott il-ħut l-art jew jittrażborda l-qabdiel;
- (b) il-port tal-ħatt l-art jew tat-trażbord;
- (c) id-data u l-ħin previsti għall-ħatt l-art jew għat-trażbord;
- (d) il-kwantità (mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali) ta' kull speċi li għandha tinħatt l-art jew tiġi ttrażbordata (identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha);
- (e) fil-każ tat-trażbord, isem il-bastiment li jkun qed jirċievi l-ħut.

Fil-każ tat-trażbord, il-kaptan irid jiżgura li l-bastiment li jkun qed jirċievi l-ħut ikollu awtorizzazzjoni għat-tali ħidma maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti.

It-trażbord irid isir fil-port ta' Bissau, li l-koordinati ġeografiċi tiegħu għandhom jgħadduhom lill-kaptan u lill-aġent tal-bastiment l-awtoritajiet kompetenti. It-trażbord fuq il-baħar huwa pprojbit.

In-nuqqas ta' ħarsien ta' dawk id-dispożizzjonijiet għandu jwassal biex jiġu applikati l-pieni previsti għal dan il-għan fil-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau.

2. Kontribuzzjoni *in natura* għas-sigurtà alimentari

Il-bastimenti tat-tkarkir huma obbligati jħottu l-art parti mill-qabdiet tagħhom fil-Guinea-Bissau għall-finijiet tas-sigurtà alimentari ta' dan il-pajjiż. Il-ħatt l-art għandu jsir skont il-proċeduri li ġejjin:

- 2,5 tunnelli għal kull perijodu ta' tliet xhur u għal kull bastiment fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut bil-pinen u għaċ-ċefalopodi;
- 1,25 tunnelli għal kull perijodu ta' tliet xhur u għal kull bastiment fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' tali miżura, il-kontribuzzjonijiet mingħand kull bastiment jistgħu jingħataw għal diversi bastimenti f'daqqa u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni b'mod akkumulat għal diversi perjodi ta' tliet xhur. Il-ħatt l-art għandu jsir fil-port ta' Bissau u l-ħut għandu jingħata lir-rappreżentant tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali.

Id-Direttorat Ġenerali għas-Sajd Industrijali għandu jfassal u jiffirma b'mod sistematiku formola li tikkonferma li waslu dawn il-kontribuzzjonijiet *in natura*, li mbagħad għandha tingħadda lill-kaptan.

Dan il-ħatt l-art jista' jsir skont proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet.

KAPITOLU VI

KONTROLL U SPEZZJONI

1. Dħul fiż-żona tas-sajd u ħruġ minnha

Il-Guinea-Bissau trid tiġi nnotifikata b'kull dħul fiż-żona tas-sajd tagħha u ħruġ minnha min-naħa ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd fi żmien 24 siegħa qabel dan id-dħul jew dan il-ħruġ. Tali perijodu għandu jitnaqqas għal erba' sigħat fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ.

Meta tkun qed issir in-notifika tad-dħul jew tal-ħruġ tal-bastiment, għandha tintbagħat b'mod partikolari l-informazzjoni li ġejja:

- (a) id-data, il-ħin u l-punt ta' qsim tal-fruntiera previsti;
- (b) il-kwantità ta' kull speċi miżmuma abbord, identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha u mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun hemm bżonn, fl-għadd ta' ħut individwali;
- (c) il-preżentazzjoni tal-prodotti.

In-notifika għandha tintbagħat bħala prijorità bil-posta elettronika, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, bil-faks jew bir-radju, fl-indirizz tal-posta elettronika, fin-numru tat-telefown jew fil-frekwenza pprovduti mill-Guinea-Bissau. Il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kull bidla fl-indirizzi tal-posta elettronika, fin-numru tat-telefown jew fil-frekwenza tat-trażmissjonijiet.

Kull bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tal-Guinea-Bissau mingħajr ma jkun innotifika l-preżenza tiegħu minn qabel jitqies bħala bastiment li jkun qed jistad mingħajr awtorizzazzjoni.

2. Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti — il-VMS

Meta jkunu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, il-bastimenti tal-Unjoni jridu jkunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti — VMS) li tiżgura l-komunikazzjoni awtomatika u kontinwa tal-pożizzjoni tagħhom, kull siegħa, liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (iċ-ĊMS) tal-Istat tal-bandiera tagħhom.

Huwa pprojbit li wieħed iċaqlaq, jitfi, jeqred, jagħmel ħsara jew jiddiżattiva s-sistema ta' monitoraġġ kontinwu tal-pożizzjoni permezz tal-komunikazzjoni bis-satellita li tkun abbord il-bastiment għat-trażmissjoni tad-*data*, jew li wieħed jibdel bi ħsieb, ibagħbas jew jiffalsifika d-*data* li din is-sistema tittrażmetti jew tirreġistra.

In-notifiki tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni u dwar il-qabdiet għandhom jintbagħtu bħala prijorità permezz tal-VMS jew tal-ERS jew, jekk din ikollha l-ħsara, bil-posta elettronika, bil-faks jew bir-radju. Il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kull bidla fl-indirizz tal-posta elettronika, fin-numru tat-telefown jew fil-frekwenza tat-trażmissjonijiet.

Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni jrid ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;
- (b) il-pożizzjoni ġeografika l-iżjed riċenti tal-bastiment (il-lonġitudni u l-litudni), b'marġni ta' żball tal-pożizzjoni ta' inqas minn 500 metru, u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %;
- (c) id-*data* u l-ħin li fihom tkun ġiet irreġistrata l-pożizzjoni;
- (d) il-veloċità tal-bastiment u d-direzzjoni li fiha jkun qed jivvjaġġa; u

(e) irid ikun ikkonfigurati skont il-format mogħti fl-Appendiċi 3.

Kull bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau mingħajr ma jkun innotifika l-preżenza tiegħu minn qabel jitqies bħala bastiment li jkun qed jikser il-liġi.

3. Spezzjoni fuq il-baħar jew fil-port

L-ispezzjoni fuq il-baħar fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau jew fil-port tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandha ssir minn bastimenti u spetturi tal-Guinea-Bissau li jkunu identifikati b'mod ċar bħala bastimenti u spetturi maħturin sabiex iwettqu verifiki tas-sajd.

Qabel ma jtilgħu abbord, l-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom javżaw lill-bastiment tal-Unjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jwettqu spezzjoni. L-ispezzjoni għandha ssir minn mhux iktar minn żewġ spetturi, li jridu jipprovdu prova tal-identità u tal-pożizzjoni uffiċjali tagħhom bħala spetturi qabel ma jwettqu l-ispezzjoni. Jekk ikun hemm bżonn, magħhom jista' jkun hemm rappreżentanti tal-forzi nazzjonali tas-sigurtà tal-Guinea-Bissau skont id-dritt internazzjonali tal-baħar.

L-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni għall-ħin meħtieġ sabiex iwettqu l-kompiti marbutin mal-ispezzjoni biss. Huma għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tagħha fuq il-bastiment u fuq l-attività tas-sajd u l-merkanzija tiegħu.

Il-Guinea-Bissau tista' tawtorizza lil spetturi akkreditati mill-Unjoni jieħdu sehem fl-ispezzjoni bħala osservaturi.

Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu jiffaċilita l-imbark tal-ispetturi tal-Guinea-Bissau u għandu jiffaċilitalhom xogħolhom.

Fi tmiem kull spezzjoni, l-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu d-dritt iżid il-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jiġi ffirmat mill-ispettur li jkun fasslu u mill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni.

L-ispetturi tal-Guinea-Bissau għandhom jaġġu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni qabel ma jinżlu minn fuq il-bastiment. Il-Guinea-Bissau għandha tibgħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-Unjoni fi żmien tmint ijiem mill-ispezzjoni.

4. Kontroll tal-qabdiet

Fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, li matulhom tintuża s-sistema ta' ġestjoni bbażata fuq it-TGR, il-kontrolli għandhom isiru billi jittieħdu kampjuni minn terz tal-bastimenti tat-tkarkir tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd f'kull perijodu ta' tliet xhur, abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni, bil-għan li tiġi analizzata l-konformità tal-qabdiet mal-informazzjoni ddikjarata fil-ġurnali ta' abbord tas-sajd.

Kull kontroll għandu jsir fi tmiem il-vjaġġ wara li jingħata avviż minn qabel 24 siegħa qabel u ma għandux idum aktar minn erba' sigħat.

Dawn il-kontrolli għandhom isiru f'post li l-koordinati ġeografiċi tiegħu ser jintbagħtu lill-kaptan u lill-aġent tal-bastiment l-awtoritajiet kompetenti.

Mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, meta tibda tintuża s-sistema ta' ġestjoni bbażata fuq it-TAC, se tiġi riveduta l-frekwenza li biha jiġu ċċekkjati l-qabdiet biex titqies l-introduzzjoni tal-verifika tad-*data* dwar il-qabdiet permezz tal-ERS.

KAPITOLU VII

KSUR TAR-REGOLI

1. Trattament tal-ksur

Kull ksur imwettaq minn bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd li jkun marbut mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness irid jissemma f'rapport tal-ispezzjoni.

L-iffirmar tar-rapport tal-ispezzjoni min-naħa tal-kaptan għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' sid il-bastiment li jiddefendi ruħu mill-akkuża tal-ksur allegat.

2. Detenzjoni ta' bastiment — laqgħa ta' informazzjoni

Meta l-leġislazzjoni nazzjonali tkun tipprevedi dan b'rabta mal-ksur allegat, kull bastiment tal-Unjoni li jkun wettaq ksur jista' jiġi mgieġhel iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u jirritorna lejn port tal-Guinea-Bissau f'każ li jkun qed ibaħħar.

Il-Guinea-Bissau għandha tinnotifika lill-Unjoni fi żmien 48 siegħa b'kull detenzjoni ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd. Ma' din in-notifika għandha tintbagħat l-evidenza tal-ksur allegat.

Qabel ma tiegħu kwalunkwe miżura kontra l-bastiment, il-kaptan jew il-merkanzija kkonċernati, ħliet għal miżuri mmirati għall-ħarsien tal-evidenza, il-Guinea-Bissau għandha torganizza, fuq talba tal-Unjoni, fi żmien jum tax-xogħol min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment, laqgħa ta' informazzjoni sabiex jiġu ċċarati l-fatti li wasslu għad-detenzjoni tal-bastiment u sabiex jiġi spjegat x'azzjoni oħra tista' tittieħed. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi tali laqgħa ta' informazzjoni.

3. Pieni għall-ksur — proċedura ta' kompromess

Il-Guinea-Bissau għandha tistabbilixxi l-piena għall-ksur allegat skont id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha li tkun fis-seħħ.

Meta s-soluzzjoni għall-ksur tkun tinvolvi proċedimenti legali, qabel jingħata bidu għalihom, għandha tinbeda proċedura ta' kompromess bejn il-Guinea-Bissau u l-Unjoni sabiex jiġu stabbiliti t-termini tal-piena u l-livell tagħha. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jieħu sehem f'tali proċedura ta' kompromess. Il-proċedura ta' kompromess għandha tintemm sa mhux iktar tard minn erbat ijiem min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment.

4. Proċedimenti legali — garanzija bankarja

Jekk il-proċedura ta' kompromess tfalli u l-ksur jitressaq quddiem il-qorti kompetenti, sid il-bastiment li jkun wettaq il-ksur għandu jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul mill-Guinea-Bissau, li l-ammont tagħha, kif stabbilit mill-Guinea-Bissau, għandu jkun ikopri l-ispejjeż marbutin mad-detenzjoni tal-bastiment, il-multa stmata u kwalunkwe kumpens li jista' jkun hemm 'il quddiem. Il-garanzija bankarja ma tistax tiġi rkuprata qabel ma jkunu ġew konklużi l-proċedimenti legali.

Il-garanzija bankarja għandha tiġi rrilaxxata u tingħata lura lil sid il-bastiment mingħajr dewmien wara li tinqata' s-sentenza:

- (a) kollha kemm hi, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena;
- (b) skont l-ammont tal-bilanċ li jkun għad fadal, jekk il-piena tkun multa li tkun iżjed baxxa mill-ammont tal-garanzija bankarja.

Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni bir-riżultat tal-proċedimenti legali fi żmien tmint ijiem mis-sentenza.

5. Rilaxx tal-bastiment

Il-bastiment u l-kaptan tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jħallu l-port ladarba l-multa tkun tħallset fi proċedura ta' kompromess, jew ladarba l-garanzija bankarja tkun ġiet iddepożitata.

KAPITOLU VIII

IMBARK TAL-BAĦRIN

1. Għadd ta' baħrin li għandhom jittellgħu abbord

Matul il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, kull bastiment tat-tkarkir tal-Unjoni għandu jtella' abbord baħrin mill-Guinea-Bissau fil-limiti li ġejjin:

- (a) ħames baħrin jekk ikollu kapacià ta' inqas minn 250 TGR;
- (b) sitt baħrin jekk ikollu kapacià ta' bejn 250 u 400 TGR;
- (c) seba' baħrin jekk ikollu kapacià ta' bejn 400 u 650 TGR;
- (d) tmien baħrin jekk ikollu kapacià ta' iktar minn 650 TGR.

Is-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni għandhom jagħmlu hilitom biex itellgħu abbord iktar baħrin nazzjonali.

2. Għażla tal-baħrin

L-awtoritajiet kompetenti tal-Guinea-Bissau għandhom jistabbilixxu lista indikattiva tal-baħrin li huma kkwalifikati u li għandhom, b'mod partikolari, iċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ dwar is-sigurtà fuq il-baħar (skont ir-regoli tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, STCW) li jistgħu jittellgħu abbord il-bastimenti tal-Unjoni Ewropea, u għandhom iżommu din il-lista aġġornata. Din il-lista u l-aġġornamenti regolari tagħha għandhom jiġu nnotifikati lill-Unjoni.

Il-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha titfassal abbażi ta' kriterji li jippermettu li jingħażlu baħrin kompetenti u kkwalifikati. Il-baħri:

- (a) għandu jkollu passaport validu tal-Guinea-Bissau;
- (b) għandu jkollu ktejjeb validu tar-reġistrazzjoni tal-baħħara li jiċċertifika li huwa rċieva taħriġ bażiku dwar is-sigurtà fuq il-baħar għall-persunal tal-bastimenti tas-sajd skont l-istandards internazzjonali li jkunu fis-seħħ;
- (c) għandu jkollu esperjenza ddokumentata tax-xogħol fuq bastimenti tas-sajd industrijali;
- (d) għandu jkollu ċertifikat mediku validu li jiċċertifika li huwa kapaċi jwettaq dmirijietu abbord il-bastimenti tas-sajd.

Sid il-bastiment, jew l-aġent tiegħu, jistgħu jagħżlu lill-baħrin li għandhom itellgħu abbord minn fost dawk imniżżlin f'dik il-lista. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Guinea-Bissau li dawn ikunu żdiedu mal-ekwipaġġ tagħhom.

3. Kuntratti tal-baħrin

Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin għandhom jitfasslu minn sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu u l-baħrin involuti, li jistgħu jkunu rrappreżentati mit-tradeunion tagħhom jekk ikun hemm bżonn, flimkien mal-Guinea-Bissau. Il-kuntratti għandhom jistipulaw, b'mod partikolari, id-data u l-port tal-imbark.

Għall-baħrin, dawn il-kuntratti għandhom jiżguraw il-kopertura fis-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għalihom fil-Guinea-Bissau. Dawn il-kuntratti għandhom jinkludu assigurazzjoni fuq il-ħajja u assigurazzjoni fuq il-mard u fuq l-inċidenti.

Il-firmatarji tal-kuntratt għandhom jingħataw kopja tiegħu.

Il-baħrin mill-Guinea-Bissau għandhom jingħataw id-drittijiet fundamentali tax-xogħol stabbiliti fid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO). Dawn id-drittijiet għandhom x'jaqsmu l-iktar mal-libertà tal-assoċjazzjoni, mar-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv u mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni marbuta mal-impjegi u max-xogħol.

4. Paga tal-baħrin

Sid il-bastiment għandu jħallas il-paga tal-baħrin mill-Guinea-Bissau. Din il-paga għandha tiġi stabbilita bi ftehim reċiproku bejn sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu u l-Guinea-Bissau qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

Il-paga ma għandhiex tkun iktar baxxa minn dik tal-ekwipaġġi tal-bastimenti tal-Guinea-Bissau jew mil-livell stabbilit mill-ILO.

5. Obbligi tal-baħrin

Il-baħri jrid jirrapporta lill-kaptan tal-bastiment li għalih ikun ingħażel lejlet id-data tal-imbark imniżżla fil-kuntratt tiegħu. Il-kaptan għandu javża lill-baħri bid-data u l-ħin tal-imbark. Jekk il-baħri ma jitfaċċax fid-data u fil-ħin previsti għall-imbark, jew jekk il-kwalifiki tiegħu ma jkunux jikkorrispondu għall-aspettattivi tal-kaptan, il-kuntratt tiegħu għandu jitqies li mhux validu. Postu għandu jieħdu baħri ieħor mill-Guinea-Bissau, iżda dan ma għandux iwassal għal dewmien fit-tluq tal-bastiment.

KAPITOLU IX

OSSERVATURI

1. Osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd

Il-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu suġġetti għal skema ta' osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tagħhom imwettqin fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif ukoll lill-pajjiżi kkonċernati l-oħrajn malajr kemm jista' jkun b'rabta mal-istabbiliment ta' sistema ta' osservaturi reġjonali u mal-għażla tal-organizzazzjoni kompetenti tas-sajd.

Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd l-oħrajn, fuqhom għandu jittella' osservatur magħżul mill-Guinea-Bissau. Jekk l-osservatur ma jitfaċċax fil-ħin u fil-post maqbulin, postu jrid jieħdu xi ħadd ieħor sabiex il-bastiment ikun jista' jibda l-attivitajiet tiegħu minnufih.

2. Bastimenti u osservaturi magħżulin

Meta toħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf lill-Unjoni u lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, bil-bastimenti u bl-osservaturi magħżulin, kif ukoll bil-ħin li matulu l-osservatur ikun se jkun abbord kull bastiment. Il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf minnufih lill-Unjoni u lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, b'kull bidla fil-bastimenti u fl-osservaturi magħżulin.

L-osservatur ma għandux iqatta' iżjed ħin abbord il-bastiment milli għandu bżonn biex iwettaq dmirijietu.

3. Kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa

Meta jħallas l-imposta, sid il-bastiment għandu jħallas lill-Guinea-Bissau ammont b'rata fissa ta' EUR 8 000 fis-sena għal kull bastiment tat-tkarkir, adattat *pro rata temporis* skont it-tul ta' żmien tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat.

4. Paga tal-osservatur

Il-Guinea-Bissau għandha tħallas il-paga u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur.

5. Kundizzjonijiet tal-imbark

Meta jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Madankollu, l-ilqugħ tal-osservatur abbord għandu jqis l-istruttura teknika tal-bastiment.

Sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ikel tal-osservatur abbord il-bastiment.

Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu sabiex jiżgura s-sigurtà fiżika u l-benesseri ġenerali tal-osservatur.

L-osservatur għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex iwettaq dmirijietu. Huwa għandu jkollu aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni, għad-dokumenti marbutin mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, b'mod partikolari għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd u għall-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment li huma marbutin b'mod dirett ma' dmirijietu.

6. Obbligi tal-osservatur

Waqt li jkun abbord l-osservatur għandu:

- (a) jieħu l-miżuri x-xierqa kollha sabiex ma jinterrompix jew ifixkel il-ħidmiet tas-sajd;
- (b) iħares il-proprjetà u t-tagħmir li jkun hemm abbord;
- (c) iħares in-natura kunfidenzjali ta' kull dokument tal-bastiment.

7. Imbark u żbark tal-osservatur

Sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jgħarraf lill-Guinea-Bissau, tal-inqas għaxart ijiem qabel l-imbark, bid-data, bil-ħin u bil-port tal-imbark tal-osservatur. Jekk l-osservatur jittella' abbord f'pajjiż barrani, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħu lejn il-port tal-imbark.

Meta l-osservatur ma jitniżżilx f'port tal-Guinea-Bissau, sid il-bastiment għandu jiżgura r-ritorn tal-osservatur lura lejn il-Guinea-Bissau mill-aktar fis possibbli, u għandu jagħmel dan bi spejjeż tiegħu.

8. Kompiti tal-osservatur

L-osservatur għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- (a) huwa għandu josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment;
- (b) għandu jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment waqt il-ħidmiet tas-sajd tiegħu;

- (c) għandu jwettaq ħidmiet fil-kuntest ta' programmi xjentifiċi, fosthom it-teħid ta' kampjuni bijoloġiċi;
- (d) għandu jieħu nota tal-irkaptu tas-sajd użat;
- (e) għandu jivverifika d-*data* dwar il-qabdiet li jkunu saru fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li tkun irrappurtata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd;
- (f) għandu jivverifika l-perċentwali tal-qabdiet inċidentali abbażi ta' dak li huwa ddefinit fl-iskedi għal kull kategorija u jagħti stima tal-qabdiet skartati;
- (g) għandu jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu darba kuljum fil-kuntest tat-twettiq ta' dmirijietu, fosthom il-kwantità ta' qabdiet ewlenin u inċidentali abbord.

9. Rapport tal-osservatur

Qabel ma jinżel minn fuq il-bastiment, l-osservatur għandu jagħti rapport tal-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu d-dritt iżid il-kummenti tiegħu fir-rapport tal-osservatur. Ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-osservatur u mill-kaptan. Il-kaptan għandu jirċievi kopja tar-rapport tal-osservatur.

L-osservatur għandu jibgħat ir-rapport tiegħu lill-Guinea-Bissau. Id-*data* dwar il-qabdiet u dwar il-qabdiet skartati għandha tintbagħat lill-istitut xjentifiku tal-Guinea-Bissau (is-CIPA) li, wara li jipproċessaha u janalizzaha, għandu jibgħatha lill-Kumitat Xjentifiku Konġunt. Kopja tar-rapport tal-osservatur għandha tintbagħat b'mod elettroniku lill-Unjoni.

Appendiċijiet għall-Anness

- Appendiċi 1 Formola tat-talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd
- Appendiċi 2 Skedi tekniċi għal kull kategorija
- Appendiċi 3 Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS)
- Appendiċi 4 Implimentazzjoni tas-sistema elettronika għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd (I-ERS)

Formola tat-talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd
FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD BEJN
IL-GUINEA-BISSAU U L-UNJONI EWROPEA

I. L-APPLIKANT

1. Isem l-applikant:
2. Isem l-organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' sid il-bastiment:.....
3. Indirizz tal-organizzazzjoni tal-produtturi jew ta' sid il-bastiment:.....
4. Numru tat-telefown:.... Numru tal-faks:..... Indirizz tal-posta elettronika:.....
5. Isem il-kaptan: Nazjonalità:..... Indirizz tal-posta elettronika:.....
6. Isem l-aġent lokali u l-indirizz tiegħu:.....

II. L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENT

7. Isem il-bastiment:
8. Stat tal-bandiera:Port tar-reġistrazzjoni:
9. Immarkar estern:MMSI:Numru tal-OMI:.....
10. Data tar-reġistrazzjoni tal-bandiera attwali (JJ/XX/SSSS): .../.../...
- Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm):
11. Post tal-kostruzzjoni: Data (JJ/XX/SSSS): .../.../...
12. Frekwenza tas-sejħa bir-radju:.....HF..... VHF:.....
13. Numru tat-telefown bis-satellita:.....Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju
(IRCS):.....

III. KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT

14. Tul totali tal-bastiment (f'metri):.....Wisa' totali (f'metri):.....
Tunnellaġġ (mogħti f'TG skont il-konvenzjoni ta' Londra):.....
15. Tip ta' magna:.....Qawwa tal-magna (f'kW):.....
16. Għadd ta' membri tal-ekwipaġġ:.....
17. Metodu ta' konservazzjoni abbord: [] bis-silġ [] żamma fil-friġġ [] metodu
mħallat [] Żamma fil-friża
18. Kapaċità ta' pproċessar kuljum (fuq 24 siegħa) f'tunnellati:.....
Għadd ta' stivi għall-ħut: Kapaċità totali tal-istivi għall-ħut (f'm³):
19. VMS – dettalji dwar l-istrument għall-monitoraġġ awtomatiku tal-pożizzjoni:
Manifattur:Mudell:.....Numru tas-serje:.....
Verżjoni tas-software:.....Operatur tas-satellita (MCSP):.....

IV. ATTIVITÀ TAS-SAJD

20. Irkaptu tas-sajd awtorizzat: [] tartaruni tal-borża [] konzjiet [] qasab
21. Post fejn jinħattu l-art il-qabdiel:
22. Liċenzja mitluba għall-perijodu minn:
(JJ/XX/SSSS) .../.../... sa (JJ/XX/SSSS) .../.../...

Jien, il-firmatarju t'hawn taħt, niċċertifika li t-tagħrif mogħti f'din il-formola huwa veru u korrett u ġenwin.

Magħmul fi....., nhar il-... /... /

Firma tal-applikant:

Skedi tekniċi għal kull kategorija

SKEDA 1

IL-KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 1 — IL-BASTIMENTI TAT-TKARKIR GĦALL-ĦUT BIL-PINEN U GĦAĊ-ĊEFALOPUDI MĠHAMMRA BI FRIŻA

1.	Żona tas-sajd
	Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268° fit-Tramuntana.
2.	Irkaptu awtorizzat
2.1	Huma awtorizzati x-xbieki standard tat-tkarkir bid-diriġenti u l-irkaptu selettiv l-ieħor.
2.2	It-tanguni huma awtorizzati.
2.3	Fil-każ tat-tipi kollha tal-irkaptu tas-sajd, huwa pprojbit l-użu ta' kull mezz jew tagħmir li jimblokka l-malji tax-xbieki jew li jnaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, man-naħa ta' taħt tal-manka ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ biss jistgħu jitwaħħlu sottovesti ta' protezzjoni magħmulin mix-xbiek jew minn xi drapp ieħor. It-tali sottovesti għandhom jitwaħħlu biss mat-truf ta' quddiem u tal-ġnub tal-manka tax-xibka tat-tkarkir. Għan-naħa ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir jista' jintuża tagħmir ta' protezzjoni, iżda dan irid ikun magħmul minn biċċa waħda tax-xibka li tkun magħmula mill-istess materjal tal-manka u li l-malji tagħha jkunu ta' mill-inqas 300 millimetru meta d-drapp ikun stirat.
2.4	Huwa pprojbit li wieħed jirdoppja r-raden, sempliċi jew immaljat, tal-manka.
3.	Daqs minimu tal-malja awtorizzat
	70 mm.

4. Qabdiet inċidentali	
<p>Fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, fi tmiem kull vjaġġ, il-bastimenti ma jistax ikollhom abbord iktar minn 5 % mill-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li jkunu krustaċji.</p> <p>Mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll:</p> <p>Fi tmiem kull vjaġġ, il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut bil-pinen ma jistax ikollhom abbord iktar minn 5 % mill-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li jkunu krustaċji u iktar minn 15 % minnhom li jkunu ċefalopodi. Il-qabdiet tat-totlu (<i>Todarodes sagittatus</i> u <i>Todaropsis eblanae</i>) huma awtorizzati u jingħaddu mal-ispeċijiet fil-mira;</p> <p>Fi tmiem kull vjaġġ, il-bastimenti tat-tkarkir għaċ-ċefalopodi ma jistax ikollhom abbord iktar minn 60 % mill-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li jkunu ħut u iktar minn 5 % minnhom li jkunu krustaċji.</p> <p>Kull qbiż tal-perċentwali ta' dawk il-qabdiet inċidentali awtorizzati għandu jiġi ppenalizzat skont ir-regolamenti tal-Guinea-Bissau.</p> <p>Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jadattaw ir-rata awtorizzata abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.</p>	
5. Tunnellaġġ awtorizzat u imposti	
5.1 It-tunnellaġġ awtorizzat fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll (f'TGR)	3 500 TGR fis-sena
5.2 L-imposti f'Euro għal kull TGR fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll	EUR 282 għal kull TGR fis-sena Fil-każ tal-liċenzji għal perijodu ta' tliet xhur jew ta' sitt xhur, l-imposti għandhom jiġu kkalkulati <i>pro rata temporis</i> u jiżdedu b'4 % jew bi 2,5 % rispettivament.
5.3 It-tunnellaġġ awtorizzat mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll sa tmiemu (f'TAC)	11 000 tunnellata fis-sena għall-ħut tal-qiegħ 1 500 tunnellata fis-sena għaċ-ċefalopodi
5.4 L-imposti f'Euro għal kull tunnellata mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll sa tmiemu	EUR 90 għal kull tunnellata għall-ħut tal-qiegħ EUR 270 għal kull tunnellata għaċ-ċefalopodi

SKEDA 2

IL-KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 2 — IL-BASTIMENTI TAT-TKARKIR GĦALL-GAMBLI

1.	Żona tas-sajd
	Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268° fit-Tramuntana.
2.	Irkaptu awtorizzat
2.1	Huma awtorizzati x-xbieki standard tat-tkarkir bid-diriġenti u l-irkaptu selettiv l-ieħor.
2.2	It-tanguni huma awtorizzati.
2.3	Fil-każ tat-tipi kollha tal-irkaptu tas-sajd, huwa pprojbit l-użu ta' kull mezz jew tagħmir li jimblokka l-malji tax-xbieki jew li jnaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, man-naħa ta' taħt tal-manka ta' xibka tat-tkarkir tal-qiegħ biss jistgħu jitwaħħlu sottovesti ta' protezzjoni magħmulin mix-xbiek jew minn xi drapp ieħor. It-tali sottovesti għandhom jitwaħħlu biss mat-truf ta' quddiem u tal-ġnub tal-manka tax-xibka tat-tkarkir. Għan-naħa ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir jista' jintuża tagħmir ta' protezzjoni, iżda dan irid ikun magħmul minn biċċa waħda tax-xibka li tkun magħmula mill-istess materjal tal-manka u li l-malji tagħha jkunu ta' mill-inqas 300 millimetru meta d-drapp ikun stirat.
2.4	Huwa pprojbit li wieħed jirdoppja r-raden, sempliċi jew immaljat, tal-manka.
3.	Daqs minimu tal-malja awtorizzat
	50 mm.
4.	Qabdiet inċidentali
4.1	Fi tmien kull vjaġġ, il-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli ma jistax ikollhom abbord iktar minn 15 % mill-qabdiet kollha li jkunu għamli fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li jkunu ċefalopodi u iktar minn 70 % minnhom li jkunu ħut.
4.2	Kull qbiż tal-perċentwali tal-qabdiet inċidentali awtorizzati għandu jiġi ppenalizzat skont ir-regolamenti tal-Guinea-Bissau.
4.3	Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jadattaw ir-rata awtorizzata abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.

5.	Tunnellaġġ awtorizzat u imposti	
5.1	It-tunnellaġġ awtorizzat fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll (f'TGR)	3 700 TGR fis-sena
5.2	L-imposti f'Euro għal kull TGR fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll	EUR 395 għal kull TGR fis-sena Fil-każ tal-liċenzji għal perijodu ta' tliet xhur jew ta' sitt xhur, l-imposti għandhom jiġu kkalkulati <i>pro rata temporis</i> u jiżdedu b'4 % jew bi 2,5 % rispettivament.
5.3	It-tunnellaġġ awtorizzat mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll sa tmiemu (f'TAC)	2 500 tunnellata fis-sena
5.4	L-imposti f'Euro għal kull tunnellata mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll sa tmiemu	EUR 280 għal kull tunnellata

SKEDA 3

IL-KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 3 — IL-BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAT-TONN BIL-QASBA

1. Żona tas-sajd		
1.1	Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268° fit-Tramuntana.	
1.2	Il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba huma awtorizzati jistadu għal-lixka ħaġġa sabiex iwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.	
2. Irkaptu awtorizzat		
2.1	Il-qasab.	
2.2	It-tartaruni tal-borża bil-lixka ħaġġa: 16-il mm.	
3. Qabdiet inċidentali		
3.1	Is-sajd għall-gabdoll (<i>Cetorhinus maximus</i>), għall-kelb il-baħar l-abjad (<i>Carcharodon carcharias</i>), għall-pixxivolpi għajnu kbira (<i>Alopias superciliosus</i>), għall-kurazzi tal-familja tal- <i>Sphyrnidae</i> (ħlief għall-kurazza tiburo), għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (<i>Carcharhinus longimanus</i>) u għall-kelb il-baħar ħariri (<i>Carcharhinus falciformis</i>) għandu jkun ipprojbit skont il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Animali Selvaġġi (CMS) u skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT. Is-sajd għat-tawru (<i>Carcharias taurus</i>) u għall-kelb il-baħar (<i>Galeorhinus galeus</i>) għandu jkun ipprojbit.	
3.2	Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jaġġornaw din il-lista abbażi tar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.	
4. Tunnellaġġ awtorizzat u imposti:		
4.1	L-ammont annwali b'rata fissa bil-quddiem	EUR 2 500 għal 45,5 tunnellata għal kull bastiment
4.2	L-imposta addizzjonali għal kull tunnellata mistada	EUR 55 għal kull tunnellata
4.3	L-għadd ta' bastimenti li huma awtorizzati jistadu	13-il bastiment

SKEDA 4

IL-KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 4 — IL-BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAT-TONN BIT-TARTARUNI MGĦAMMRA BI FRIŻA U L-BASTIMENTI TAS-SAJD BIL-KONZ

1. Żona tas-sajd:	
Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268° fit-Tramuntana.	
2. Irkaptu awtorizzat:	
It-tartaruni u l-konzijiet tal-wiċċ.	
3. Qabdiet inċidentali	
<p>Is-sajd għall-gabdoll (<i>Cetorhinus maximus</i>), għall-kelb il-baħar l-abjad (<i>Carcharodon carcharias</i>), għall-pixxivolpi għajnu kbira (<i>Alopias superciliosus</i>), għall-kurazzi tal-familja tal-iSphyrnidae (ħlief għall-kurazza tiburo), għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (<i>Carcharhinus longimanus</i>) u għall-kelb il-baħar ħariri (<i>Carcharhinus falciformis</i>) għandu jkun ipprojbit skont il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Animali Selvaġġi u skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT. Is-sajd għat-tawru (<i>Carcharias taurus</i>) u għall-kelb il-baħar (<i>Galeorhinus galeus</i>) għandu jkun ipprojbit.</p> <p>Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jaġġornaw din il-lista abbażi tar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.</p>	
4. Tunnellaġġ awtorizzat u imposti:	
4.1 L-ammont annwali b'rata fissa bil-quddiem	<p>EUR 4 500 għal 64,3 tunnellata għal kull bastiment tas-sajd bit-tartaruni</p> <p>EUR 3 000 għal 54,5 tunnellata għal kull bastiment tas-sajd bil-konz</p>
4.2 L-imposta addizzjonali għal kull tunnellata maqbuda	<p>EUR 70 għal kull tunnellata għall-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni</p> <p>EUR 55 għal kull tunnellata għall-bastimenti tas-sajd bil-konz</p>
4.3 L-imposta li tapplika għall-bastimenti ta' appoġġ	EUR 3 000 fis-sena għal kull bastiment
4.4 L-għadd ta' bastimenti li huma awtorizzati jistadu	28 bastiment

SKEDA 5

IL-KATEGORIJA TAS-SAJD NUMRU 5 — IL-BASTIMENTI TAS-SAJD GĦALL-ĦUT

PELAĠIKU Ż-ŻGĦIR

1.	Żona tas-sajd
	Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi, fosthom iż-żona ta' ġestjoni komuni ta' bejn il-Guinea-Bissau u s-Senegal, li tasal sal-angolu ażimut ta' 268° fit-Tramuntana.
2.	Bastimenti u rkaptu awtorizzati
	Il-bastimenti b'kapaċità ta' 5 000 TG jew inqas biss huma awtorizzati skont il-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau. L-irkaptu awtorizzat huwa x-xbieki tat-tkarkir pelagiċu u t-tartaruni tal-borża għas-sajd industrijali.
3.	Daqs minimu tal-malja awtorizzat
	70 mm għax-xbieki tat-tkarkir.
4.	Qabdiet inċidentali
4.1	Fi tmiem kull vjaġġ, il-bastimenti tat-tkarkir ma jistax ikollhom abbord iktar minn 10 % mill-qabdiet kollha li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau li jkunu ħut mhux pelagiċu, iktar minn 10 % minnhom li jkunu ċefalopodi u iktar minn 5 % minnhom li jkunu krustaċji.
4.2	Kull qbiż tal-perċentwali tal-qabdiet inċidentali awtorizzati għandu jiġi ppenalizzat skont ir-regolamenti tal-Guinea-Bissau.
4.3	Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konġunt sabiex jadattaw ir-rata awtorizzata abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt.

5.	Tunnellaġġ awtorizzat u imposti	
5.1	It-tunnellaġġ awtorizzat fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll (f' TGR)	15 000 TGR fis-sena
5.2	L-imposti f' Euro għal kull TGR fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll	EUR 250 għal kull TGR fis-sena Fil-każ tal-liċenzji għal perijodu ta' tliet xhur jew ta' sitt xhur, l-imposti għandhom jiġu kkalkulati <i>pro rata temporis</i> u jiżdiedu b' 4 % jew bi 2,5 % rispettivament.
5.3	It-tunnellaġġ awtorizzat mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll sa tmiemu (f' TAC)	18 000 tunnellata fis-sena
5.4	L-imposti f' Euro għal kull tunnellata mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll sa tmiemu	EUR 100 għal kull tunnellata (għall-bastimenti ta' iktar minn 1 000 TG) EUR 75 għal kull tunnellata (għall-bastimenti ta' 1 000 TG jew inqas)

Id-definizzjoni ta' vjaġġ:

Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, it-tul ta' vjaġġ ta' bastiment tal-Unjoni huwa ddefinit kif ġej:

- il-perijodu ta' bejn id-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u l-ħruġ minnha; jew
- il-perijodu ta' bejn id-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u t-trażbord; jew
- il-perijodu ta' bejn id-dħul fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau u l-ħatt l-art f' dan il-pajjiż.

SISTEMA TA' MONITORAĠĠ TAL-BASTIMENTI (VMS)

1. Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti — il-VMS

L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tal-Guinea-Bissau għandha tiġi identifikata bil-kodiċi “ENT”. Il-pożizzjonijiet kollha ta' wara għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi “POS”, ħlief għall-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara l-ħruġ miż-żona tal-Guinea-Bissau, li għandha tiġi identifikata bil-kodiċi “EXP”.

Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura l-ipproċessar awtomatiku u, fejn rilevanti, it-trażmissjoni elettronika tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni. Il-messaġġi dwar il-pożizzjoni għandhom jiġu rreġistrati b'mod sigur u għandhom jinżammu għal perijodu ta' tliet snin.

2. Trażmissjoni min-naħa tal-bastiment f'każ ta' ħsara fil-VMS

Il-kaptan għandu jiżgura f'kull ħin li l-VMS tal-bastiment tiegħu tkun qed taħdem bis-sħiħ u li l-messaġġi dwar il-pożizzjoni jkunu qed jiġu trażmessi b'mod korrett liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera.

F'każ ta' ħsara fil-VMS tal-bastiment, din is-sistema għandha tisewwa jew tinbidel fi żmien 30 jum. Wara dak il-perijodu, il-bastiment ma jibqax awtorizzat jistad fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau.

Il-bastimenti li jkunu qed jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau b'VMS difettuża għandhom jibagħtu l-messaġġi dwar il-pożizzjoni tagħhom permezz ta' ittra elettronika, birradju jew permezz ta' faks liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, mill-inqas kull erba' sigħat, u għandhom jipprovdu l-informazzjoni obbligatorja kollha.

3. Komunikazzjoni sigura tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni lill-Guinea-Bissau

Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat awtomatikament il-messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti kkonċernati liċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau għandhom jiskambjaw l-indirizzi elettroniċi ta' kuntatt tagħhom u għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull bidla f'dawn l-indirizzi.

It-trażmissjoni tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bejn iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau għandha ssir b'mod elettroniku bl-użu ta' sistema sigura tal-komunikazzjoni.

Iċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni minnufih b'kull interruzzjoni fil-wasla tal-messaġġi konsekuttivi dwar il-pożizzjoni ta' bastiment li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd, meta l-bastiment ikkonċernat ma jkunx innotifika l-ħruġ tiegħu miż-żona.

4. Ħsara fis-sistema ta' komunikazzjoni

Il-Guinea-Bissau għandha tiżgura li t-tagħmir elettroniku tagħha jkun kompatibbli ma' dak taċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u għandha tgħarraf lill-Unjoni minnufih b'kull ħsara fil-komunikazzjoni u fil-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bil-għan li tinstab soluzzjoni teknika mill-aktar fis possibbli. Il-Kumitat Konġunt għandu jipprova jsolvi kwalunkwe tilwim li jista' jirriżulta minn dan.

Il-kaptan għandu jitqies bħala responsabbli għal kull manipulazzjoni ppruvata tal-VMS tal-bastiment li jkollha l-għan li tfixxkel l-operat ta' din is-sistema jew li tiffalsifika l-messaġġi tagħha dwar il-pożizzjoni tal-bastiment. Kull ksur għandu jkun suġġett għall-pieni previsti mil-leġislazzjoni tal-Guinea-Bissau li tkun fis-seħħ.

5. Bidla fil-frekwenza tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni

Abbażi ta' evidenza ddokumentata li tipprova ksur, il-Guinea-Bissau tista' tistaqsi liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li tibgħat kopja wkoll lill-Unjoni, inaqqs l-intervall biex il-bastiment jibgħat il-messaġġi dwar il-pożizzjoni tiegħu għal kull nofsiegħa għal perijodu partikolari tal-investigazzjoni. Il-Guinea-Bissau għandha tibgħat din l-evidenza ddokumentata liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibda jibgħat minnufih il-messaġġi dwar il-pożizzjoni lill-Guinea-Bissau bil-frekwenza l-għdida.

Fi tmiem il-perijodu partikolari tal-investigazzjoni, il-Guinea-Bissau għandha tgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni b'kull monitoraġġ li jista' jkun meħtieġ.

6. Komunikazzjoni tal-messaġġi tal-VMS lill-Guinea-Bissau

Element tad- <i>data</i>	Kodiċi	Obbligatorju (O) /Fakultattiv (F)	Kontenut
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Dettall dwar is-sistema li jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Destinatarju	AD	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166)
Speditur	FR	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż li jkun qed jibgħat il-messaġġ (ISO-3166)
Stat tal-bandiera	FS	O	Dettall dwar il-messaġġ – Il-kodiċi alfa-3 tal-Istat tal-bandiera (ISO-3166)
Tip ta' messaġġ	TM	O	Dettall dwar il-messaġġ – It-tip ta' messaġġ (ENT, POS, EXI, MAN)
Sinjal tas-sejħa bir-radju (I-IRCS)	RC	O	Dettall dwar il-bastiment – Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (I-IRCS)
Numru ta' referenza intern tal-parti kontraenti	IR	F	Dettall dwar il-bastiment – In-numru uniku tal-parti kontraenti, mogħti bħala l-kodiċi alfa-3 (ISO-3166) segwit min-numru
Numru tar-reġistrazzjoni estern	XR	O	Dettall dwar il-bastiment – In-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment (ISO 8859.1)
Latitudni	LT	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali N/S GG.ggg (WGS84)
Lonġitudni	LG	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali E/W GG.ggg (WGS84)
Rotta	CO	O	Ir-rota tal-bastiment fuq skala ta' 360°grad
Veloċità	SP	O	Il-veloċità tal-bastiment f'wieħed minn kull għaxar mili nawtiċi

Element tad- <i>data</i>	Kodiċi	Obbligatorju (O) /Fakultattiv (F)	Kontenut
Data	DA	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Id- data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Il- ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSMM)
Tmiem ir- reġistrazzjoni	ER	O	Dettall dwar is-sistema li jindika tmiem ir- reġistrazzjoni

Mat-trażmissjoni trid tintbagħat l-informazzjoni li ġejja sabiex iċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau jkun jista' jidentifika iċ-ĊMS li jkun bagħat l-informazzjoni:

L-indirizz IP tas-server ĊMS jew ir-referenzi tad-DNS

Iċ-ċertifikat tal-SSL (il-katina sħiħa tal-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni)

It-trażmissjoni tad-*data* hija strutturata kif ġej:

il-karattri użati jridu jkunu konformi mal-istandard tal-ISO 8859.1;

linja mmejla doppja (//) u l-kodiċi "SR" jindikaw il-bidu tal-messaġġ;

kull element tad-*data* jiġi identifikat mill-kodiċi tiegħu u jingħażel mill-elementi l-oħrajn tad-*data* permezz ta' linja mmejla doppja (//);

linja mmejla waħda (/) tissepara l-kodiċi minn mad-*data*;

il-kodiċi "ER" segwit minn linja mmejla doppja (//) jindika tmiem il-messaġġ.

Implimentazzjoni tas-sistema elettronika għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd
(I-ERS)

Reġistrazzjoni tad-*data* dwar is-sajd u trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet permezz tal-ERS

- (1) Meta jkun fiż-żona tas-sajd tal-Guinea-Bissau, il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu liċenzja maħruġa skont dan il-Protokoll għandu jagħmel dan li ġej:
 - (a) jirreġistra kull dħul fiż-żona tas-sajd u kull ħruġ minnha permezz ta' messaggġ speċifiku li jkun fih il-kwantitajiet ta' kull speċi li jkunu qed jinżammu abbord fil-mument tat-tali dħul fiż-żona tas-sajd jew tat-tali ħruġ minnha, kif ukoll id-data, il-ħin u l-pożizzjoni li fihom ikun se jsir dak id-dħul jew dak il-ħruġ. Dan il-messaggġ għandu jintbagħat liċ-CMS tal-Guinea-Bissau permezz tal-ERS jew b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni sa sagħtejn qabel dan id-dħul jew dan il-ħruġ;
 - (b) jirreġistra l-pożizzjoni tal-bastiment kuljum f'nofsinhar jekk ma jkun sar l-ebda sajd;
 - (c) għal kull ħidma tas-sajd li tkun twettqet, jirreġistra l-pożizzjoni fejn din tkun twettqet, it-tip ta' rkaptu li jkun intuża u l-kwantitajiet ta' kull speċi maqbuda, u jagħmel distinzjoni bejn il-qabdiet li jkunu nżammu abbord u dawk li jkunu ġew skartati. Kull speċi trid tiġi identifikata bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha, waqt li l-kwantitajiet iridu jingħataw f'kilogrammi ta' piż ħaj u, jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali;

- (d) jibgħat lill-Istat tal-bandiera tiegħu, kuljum u sa mhux iktar tard minn nofs il-lejl, id-*data* li tkun ġiet irreġistrata fil-ġurnal elettroniku ta' abbord tas-sajd. Din id-*data* trid tintbagħat għal kull jum li l-bastiment iqatta' fiż-żona tas-sajd, anke jekk ma tkun saret l-ebda qabda. Trid tintbagħat ukoll qabel ma l-bastiment joħroġ miż-żona tas-sajd.
- (2) Il-kaptan huwa responsabbli għall-preċiżjoni tad-*data* rreġistrata u mibgħuta.
- (3) Skont il-Kapitolu IV tal-Anness ta' dan il-Protokoll, l-Istat tal-bandiera għandu jqiegħed id-*data* tal-ERS għad-dispożizzjoni taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (iċ-ĊMS) tal-Guinea-Bissau.

Id-*data* bil-format UN/CEFACT għandha tiġi trażmessa permezz tan-netwerk FLUX li l-Kummissjoni Ewropea tqiegħed għad-dispożizzjoni.

Jekk dan ma jkunx possibbli, sa tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni, id-*data* għandha tiġi trażmessa permezz tad-DEH (id-“Data Exchange Highway”) fil-format EU-ERS (fil-verżjoni 3.1 tiegħu).

Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat awtomatikament u minnufih il-messaġġi istantanji li jkun qed jibgħat il-bastiment (il-messaġġi COE, COX u PNO) liċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau. It-tipi ta' messaġġi l-oħrajn ukoll għandhom jintbagħtu awtomatikament darba kuljum mid-*data* meta jibda jintuża b'mod effettiv il-format UN-CEFACT jew, sa ma jseħħ dan, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni taċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau minnufih meta ssir talba awtomatika għalihom liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera permezz tan-nodu ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea. Minn meta jiġi implimentat b'mod effettiv il-format il-ġdid, dan il-mod ta' trażmissjoni msemmi l-aħħar għandu jintuża biss għal talbiet speċifiċi għal *data* storika.

- (4) Iċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau għandu jikkonferma li rċieva d-*data* istantanja tal-ERS li tkun intbagħtitlu billi jibgħat messaġġ ta' ritorn li fih jikkonferma l-wasla tad-*data* u l-validità tal-messaġġ li huwa rċieva. Ma għandha tintbagħat l-ebda konferma tal-wasla fil-każ tad-*data* li l-Guinea-Bissau tirċievi bi tweġiba għal talba li tkun għamlet hija stess. Il-Guinea-Bissau għandha tittratta d-*data* kollha tal-ERS b'mod kunfidenzjali.

Falliment tas-sistema ta' trażmissjoni elettronika abbord il-bastiment jew tas-sistema ta' komunikazzjoni

- (5) Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih b'kull avveniment li jista' jaffettwa t-trażmissjoni tad-*data* tal-ERS ta' bastiment wieħed jew iktar.
- (6) Jekk iċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau ma jirċevix id-*data* li bastiment suppost jibgħat, għandu jinnotifika liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera minnufih b'dan. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jipprova jara malajr kemm jista' jkun għalfejn dan ma rċevix din id-*data* tal-ERS u għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau bir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet.
- (7) Meta t-trażmissjoni bejn bastiment u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tfalli, dan iċ-ĊMS għandu jinnotifika lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment jew lir-rappreżentant jew lir-rappreżentanti tagħhom minnufih b'dan. Malli jirċievi din in-notifika, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat id-*data* li tkun nieqsa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera b'kull mezz xieraq ta' telekomunikazzjoni kuljum sa mhux iktar tard minn nofs il-lejl.

- (8) F'każ ta' ħsara fis-sistema ta' trażmissjoni elettronika installata abbord il-bastiment, il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment għandhom jiżguraw li l-ħsara tissewwa jew li l-ERS tinbidel fi żmien għaxart ijiem minn meta jindunaw bil-ħsara. Ladarba jgħaddi dak il-perijodu, il-bastiment ma jibqax awtorizzat jistad fiż-żona tas-sajd u jkollu joħroġ minn din iż-żona jew jidħol f'port tal-Guinea-Bissau fi żmien 24 siegħa. Il-bastiment għandu jkun jista' jitlaq minn dak il-port jew jerġa' jidħol fiż-żona tas-sajd biss meta ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tiegħu jkun aċċerta ruħu li l-ERS qed terġa' taħdem kif suppost.
- (9) Jekk il-Guinea-Bissau ma tkunx irċeviet id-*data* tal-ERS minħabba ħsara fis-sistemi elettroniċi li jkunu taħt il-kontroll tal-Unjoni jew taħt il-kontroll tagħha, il-Parti kkonċernata għandha tiegħu mill-ewwel il-miżuri kollha meħtieġa biex issolvi l-ħsara mill-aktar fis possibbli. Il-Parti l-oħra għandha tiġi nnotifikata mill-ewwel malli tissolva l-problema.
- (10) Kull 24 siegħa, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat id-*data* kollha tal-ERS li l-Istat tal-bandiera jkun irċieva mill-aħħar trażmissjoni liċ-ĊMS tal-Guinea-Bissau b'kull mezz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli. L-istess proċedura tista' tintuża fuq talba tal-Guinea-Bissau f'każ ta' ħidma ta' manutenzjoni ta' iktar minn 24 siegħa li taffettwa s-sistemi li jkunu taħt il-kontroll tal-Unjoni. Il-Guinea-Bissau għandha tavża lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tagħha sabiex il-bastimenti tal-Unjoni ma jitqisux li qed jonqsu milli jħarsu l-obbligu tagħhom li jibagħtu d-*data* tal-ERS tagħhom. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li jdaħħal id-*data* li tkun nieqsa fil-bażi tad-*data* elettronika tiegħu skont il-punt 3.
-